MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 334/2007

**Il-Pulizija
(Spt. R. Aquilina)
Vs**

**Reuben Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Gunju, 2007, ghall-habta ta' 13.30 hrs., gewwa tas-Sliema, Gzira, hedded jew insulenta bil-kliem lil martu Nicia Caruana.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Settembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrih u ghaldaqstant illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-11 t'Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, tirrevoka s-sentenza appellata w, wara li tisma' l-provi nkluz lil Nicia Caruana dwar il-kaz, issib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe' :- l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat peress li naqset ingustament li tisma' x-xiehda ta' Nicia Caruana li hija l-persuna li kienet mheddha jew insolentata w ghalhekk hija mhux biss xhud indispensabbli, izda ukoll flimkien ma' l-ordni pubbliku, hija wahda mill-vittmi ta' dan il-kaz.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi, kif jirrizulta mill-atti processwali, fl-udjenza quddiem l-Ewwel Qorti kienet giet esebita r-riferta pozittiva tax-xhud Nicia Caruana w nonostante li fl-24 ta' Settembru, 2007, il-prosekuzzjoni kienet talbet li din ix-xhud terga tigi mharrkha ghas-seduta li jmiss, l-Ewwel Qorti ma ddifferietx il-kawza ghal data ohra u/jew ordnat li tingieb quddiemha okkorrendo b' mandat t' arrest. Illi minn dan jidher car li l-Qorti lliberat minghajr biss ma semghet xhud ewlenija tal-Prosekuzzjoni.

Illi fil-motivazzjoni taghha l-Ewwel Qorti qalet li din il-kawza bdiet minn kwerela tal-parti ingurjata, liema parti ghalkemm debitament notifikata, naqset li tidher u taghti x-xiehda taghha. Ghalhekk, ai termini tal-artikolu 374(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat kellu kull dritt li jitlob li jigi liberat, kif fil-fatt ghamel.. Ghalhekk fin-nuqqas ta' provi ma sabitux hati w illiberatu.

Ikkonsidrat;

Li f' dan il-kaz l-insulti w t-theddid li bihom l-appellat gie akkuzat huma dawk li l-ligi tiddisponi dwarhom fir-reat ta' natura kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 339 (1) (e) tal-Kodici Kriminali w mhux l-ingurja delittwuza kontemplata fl-artikolu 252 tal-istess Kodici, li skond l-art. 255 ma jistax jittiehed ebda procediment dwarha jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza. Ma jezisti ebda provvediment simili fil-kaz tal-ingurji w theddid kontemplat fl-art. 339 (1) (e) u ghalhekk in omagg tal-principju "*ubi lex voluit, dixit",* ma hemmx il-htiega tal-kwerela tal-parti biex il-prosekuzzjoni tipprocedi "ex officio" fir-rigward ta' dawn ir-reati ta' natura kontravvenzjonali. Hekk proprju jidher li gara f' dan il-kaz, fejn anki mill-okkju tal-kawza w mill-forma tal-komparixxi, jidher li hawn il-prosekuzzjoni qed tinbeda' w titmexxa mill-Pulizija w mhux mill-kwerelanti, fejn kieku kien hekk, allura l-okkju suppost kellu jkun differenti. Ghalhekk l-artikolu 374(d) citat mill-Ewwel Qorti mhux applikabbli f' dan il-kaz, ghaliex Nicia Caruana mhix qed tidher fil-kawza fil-vesti ta' kwerelanti, imma fil-vesti ta' xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti filwaqt li tissimpatizza mas-sitwazzjoni li l-Qrati tal-Magistrati jistghu xi min daqqiet jinsabu fihom , cioe' li ma jkunux jistghu jipprocedu biex jisimghu kawzi ghax xhud jew xhieda ma jidhirx jew ma jidhrux, tara li dan ma jiggustifikax li dik il-Qorti tippriva lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli w taqbad u tghaddi ghas-sentenza. (Ara. Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Mario Saliba** [15.10.1982];; "**Il-Pulizija vs. Mario Magri"** [28.5.1993]; "**Il-Pulizija vs. Francis Callus**" [30.9.1993]; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zarb"** [22.10.1993]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et**." [3.12.1993] u **"I-Pulizija vs. Francis Borg."** [10.12.1993].)

Illi rinfaccjata b' din is-sitwazzjoni, fejn l-unika xhud tal-Prosekuzzjoni naqset li tidher meta hekk imsejjha, l-Ewwel Qorti, apparti li setghet tikkundanna lix-xhud ghad-disprezz, kellha tiddiferixxi l-kawza w tordna mandat t'arrest jew akkumpanjament kontra taghha ghas-seduta li

jmiss. Dan ghaliex, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri"** [5.1.1996], ladarba x-xhud ikun debitament notifikat u sakemm il-partijiet me jirrinunzjawx ghalih, il-Qorti ma ghandhhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz – kif ovvjament kienet Nicia Caruana f' dan il-kaz – il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhud skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**" [25.7.1994] u ohrajn ).

Kif gie ritenut f' kazijiet analogi minn din il-Qorti (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Clive Debono"** [14.9.2004] u ohrajn), l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe' il-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap.9, l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Pierre Schembri"** [8.1.1996] u ohrajn.)

Illi ghalhekk hu ovvju li b'dak li sar il-Pulizija fil-kawza quddiem l-Ewwel Qorti giet impeduta milli ggib prova li kienet indispensabbli biex issahhah l-akkuzi, liema prova setghet tingieb skond il-ligi. Dan skond l-artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kap.9 jaghti dritt lill-Avukat Generali li jappella minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Din il-Qorti ghalhekk sejra takkolji l-appell ta' l-Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, prevja d-dikjarazzjoni li l-appell hu ben fondat qed tilqa' l-istess u thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata, w ghaddiet biex terga' tisma' l-kawza mill-gdid hi stess kif inhi ntitolata li taghmel skond il-ligi.

Rat li meta ssejhet biex tixhed mart l-appellat Nicia Caruana, fl-udjenza tal-lum, hija ddikjarat li kienet qed tahfer lill-appellat u tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Ikkonsidrat

Illi in vista ta' din ir-rinunzja tal-azzjoni kriminali da parti tal-parti leza, l-procediment huwa ezawrit.

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit stante r-rinunzja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------